# FRANCESCO ZAHRA 1710 - 1733

*minn Silvio Cassar*



Bla dubju ta' xejn, is-Siġġiwin dejjem raw kif ser isebbħu t-tempju maestuż tagħhom iddedikat lit-Tewmaturgu San Nikola ta' Bari. Għaldaqstant dejjem għamlu l-almu tagħhom sabiex esponenti ewlenin kemm Maltin kif ukoll barranin ikunu huma li jżejnu l-Knisja Parrokkjali li hija l-qofol u ċ-ċentru ta' kollox għas-Siġġiwin.

Artist ċelebri ieħor Malti – Francesco Zahra – ħalla għeruq fondi f'pajjiżna speċjalment f'dik li hi arti barokka. Ibda mill-kwadri laterali li jinsabu ġewwa l-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi. Hemm naraw żewġ kwadri li jirrappreżentaw lill-Patrun Titulari t-Tewmaturgu Isqof ta' Myra San Nikola waqt il-Konċilju ta' Niċea filwaqt l-ieħor naraw lil San Nikola fil-Kalzri (fil-ħabs). Iż-żewġ kwadri ta' Zahra jagħmlu l-kor wieħed rikk u komplut għall-aħħar.



***Dettal mill-isbaħ tal-kwadru ta' Francesco Zahra b'San Nikola jeħodha kontra Arju u t-tagħlim eretiku tiegħu fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi.***

Tajjeb li ngħidu s-sinifikat taż-żewġ kwadri li pitter il-pittur/artist Malti Francesco Zahra fejn fiż-żewġ kwadri ħoloq storja/rakkont li hija minsuġa madwar il-Patrun tal-Belt Ferdinand...is-Siggiewi. Nibdew fuq il-kwadru tan-naħa tal-lemin fejn naraw lil San Nikola jeħodha kontra Arju waqt il-Konċilju ta' Niċea li kien issejjaħ mill-Imperatur Kostantinu u mill-Papa Silvestru fis-sena 325. Kienu ħadu sehem f'dan il-Konċilju madwar 300 Isqof fosthom San Atanasju u l-Isqof ta' Myra, San Nikola. San Nikola kien ħadha kontra Arju, saċerdot u kien jieħu ħsieb il-belt ta' Lixandra. Arju kien qed jgħallem

u jxerred tagħlim żbaljat dwar Ġesù li ma kienx it-Tieni Persuna tat-Trinita' Qaddisa. Dan kollu beda jnissel taħwid fost l-insara u l-isqfijiet riedu jiddefendu t-tagħlim tal-Knisja. Arju ġie skomunikat mill-Knisja għas-suppervja tiegħu. Kwadru li ma tixbaħx tħares lejh u tammira l-kapaċità ta' Zahra.



***Il-kwadru San Nikola fil-ħabs bl-iskrittura bil-Latin taħt.***

Imbagħad il-kwadru tax-xellug jagħtina storja/rakkont ieħor dwar il-ħajja ta' San Nikola. San Nikola għex fi Żmien il-Persekuzzjoni. Kien mitfugħ il-ħabs u l-pittur joħloq stampa ċara u li fiha jrid iwasslilna messaġġ. Għax hekk kif fil-ħabs Ġesù deher bil-Bibbja f'idejh jagħtiha lil San Nikola, f'ħajjitna Ġesù wkoll għadu jwasslilna l-Vanġelu sabiex inkomplu nimxu warajh. Zahra jpoġġielna lill-Madonna wkoll tlibbes lil San Nikola l-istola ta' l-Isqfijiet. L-anġlu li jpitter Zahra fil-ġenb tal-kwadru jurina t-tjubija tat-Tewmaturgu Isqof San Nikola. Kwadru ieħor li juri l-ħila ta' Zahra. Importanti li ngħidu wkoll li taħt iż-żewġ kwadri laterali nsibu kitba mill-isbaħ bil-Latin li jirrakontawlna rakkonti dwar minn xhiex għadda San Nikola.

Francesco Zahra, twieled fil-Belt Invicta, l-Isla fl-1710. Tgħammed fil-Bażilika ta' Isla ddedikata lin-Nativita' ta' Marija fil-15 ta' Diċembru 1710. Iżżewweġ fil-Belt Valletta eżattament fil-Parroċċa ta' San Pawl fejn baqa' joqgħod sa ma miet nhar id-19 ta' Awissu, 1773. Hu jinsab midfun fl-istess Parroċċa. Intant, Francesco Zahra hu wild ta' familja mimlija talenti artistiċi. Biżżejjed insemmu lil missieru Pietro Paolo Zahra (1685-1747), skultur popolari f'dawk iż-żminijiet. Hu tgħallem taħt artist ieħor ċelebri tas-seklu 17, Gian Nicola Buhagiar, li kien jiġi ħatnu (in-nisa tagħhom kienu aħwa). Tajjeb li ngħidu li dawn iż-żewġ artisti, barra li jiġu minn xulxin kienu spiċċaw ħbieb kbar u kienu ħadmu flimkien l-Apside tal-Knisja Arċipretali taż-Żejtun.

Pero', Zahra kien ipperfezzjona t-teknika tiegħu fil-belt ta' Napli ġewwa l-Italja. Zahra hu wkoll meqjus bħala l-pittur ghall-arti barokka u fih dehret influenza kbira minn Mattia Preti li f'Malta kellu xogħlijiet enormi...biżżejjed insemmu s-saqaf tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann kif ukoll il-kwadru titulari ta' San Nikola li jinsab fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi fost ħafna xogħlijiet oħra. Zahra emmen l-aktar fi stil Barokk Naplitan għax għaqqad r-realizmu u d-drammaċità flimkien.

Xogħlijiet ta' Francesco Zahra jinsabu fid-diversi knejjes madwar il-gżejjer Maltin. L-opri li ħallielna jixhdu l-kapaċità u l-ħila li kellu fih Zahra. Nagħtu ħarsa ħafifa dwar fejn jinsabu xi opri ta' Zahra. Ibda minn dak tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, il-kwadru ta' San Vincenz Ferrer ġewwa l-Knisja ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta (San Duminku), il-kwadru laterali tal-Lunzjata ġewwa l-Bażilika ta' l-Isla, il-kwadru ta' l-Ordinazzjoni u l-mewt ta' San Filep ġewwa l-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, il-kwardu tal-Purifikazzjoni tal-Madonna fit-Tempju u dak tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u l-kwadru ta' l-Anġlu Kustodju u San Pawl fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur f'Ħal Lija. Fil-Katidral t' Għawdex insibu l-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù, fl-Oratorju gewwa l-Knisja Arċipretali taż-Żejtun insibu kwadri dwar l-Ewkaristija, xejn inqas minn 14-il kwadru fosthom it-titular fil-Bazilika Elenjana f'B'Kara filwaqt li wieħed mill-ikbar xogħolijiet insibuh ġewwa l-Awla Kapitulari fil-Katidral ta' l-Imdina li tirrapreżenta l-hajja ta' San Pawl li saret fl-1756.

Iva… rajna x'ħiliet kellu l-pittur Francesco Zahra. Mhux ta' b'xejn pajjiżna għandu biex jiftaħar b'dawn it-teżori artistiċi. U saħansitra studjużi/kritiċi jqisu lil Francesco Zahra bħala wieħed mill-aqwa pitturi tas-seklu 18. Pajjiżna gawda x-xogħolijiet tiegħu u aħna kellna x-xorti li napprezzaw dan il-patrimonju artistiku li Zahra ħalla fid-diversi Knejjes fil-Gżejjer Maltin. Dmirna hu li nħeġġu lill-ġenerazzjoni li tielgħa sabiex barra li tapprezza dan il-wirt kulturali, tfittex il-ħin sabiex tkun tista' żżur dawn l-opri mill-aktar artistiċi għax b'hekk inkunu nistgħu nkabbru s-sens artistiku l-aktar fost iż-żgħażagħ.

***N.B. Grazzi tmur lil Dun Nikol Aquilina għad-dettalji preċiżi li jagħtini dwar San Nikola. Grazzi Dun Nikol tal-paċenzja!***

***Referenzi:***

Il-Webside Answer.com dwar hajjet l-artist Francesco Zahra.

Ktieb tal-Festa 1994 Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan AD 1920.

Kwadri ta' Marija Annunzjata f'Malta ta' Joe Balzan - pg 78 – 79.

**Nixtiequ aktar li tieħdu sehem fil-Programmi Mużikali**

*F'dawn l-aħħar sentejn l-attendenza għall-programmi mużikali żdiedet. Forsi għaliex b'naqra spiża b'kiri ta' siġġijiet, il-poplu ħa pjaċir b'mużika pjaċevoli li daqqejna. Min jaqra u jifli dan il-ktieb, aħna ktibna kemm investejna f'mużika ġdida.*

*Ma ninsewx ukoll nieħdu sehem, fis-Serata Mużikali ta' lejliet ħruġ min-niċċa fil-21 ta' Ġunju 2008 u fil-Pasta Night it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2008.*

*Nitolbu li tkomplu tgħinu fil-Lotterija li tagħmel l-Għaqda fiż-żmien il-Festa u nitolbu l-għajnuna biex tgħinu lis-Segretarju fil-bżonnijiet li jkun hemm fil-festa.*